QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1407/00**

**Penguin Holdings Ltd**

**Vs**

**Short Circuit Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm447.69) rapprezentanti kontijiet tal-ilma u dawl ghall-perjodu mis-sena 1995 sa Gunju 1998 kif jidher mill-kontijiet relattivi hawn annessi bhala dokumenti A u B, ghal fond Fabjoe General Store, Triq l-Uqija, tal-Ibragg, Sant Andrew, meta dan il-fond kien mikri lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, proprjetarja tal-istess fond, ghal liema kontijiet il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma qed izzomm responsabbli u tesigi l-hlas taghhom minghand is-socjeta' attrici. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti pprezentaw nota ta' ammissjoni fir-Registru fit-18 ta' April 2001. Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex

ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija sebgha u erbghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm447.69) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Frar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
De/Reg